22001D0118

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 118/2001

tat-28 ta' Settembru 2001

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

Il-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tat-13 ta' Lulju 2001, Nru 93/2001 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-ferroviji tal-Komunità ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2001/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE dwar il-liċenzar ta' impriżi ferrovjarji ([3]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità infrastrutturali ferrovjarja u dwar l-impostazzjoni ta' piżijiet għall-użu ta' l-infrastruttura ferrovjarja u għaċ-ċertifikazzjoni ta' sigurtà ([4]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 27 (Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

", kif emendata b':

– **32001 L 0012**: Id-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 (ĠU L 75, tal-15.3.2001, p. 1)."

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw flimkien ma' l-adattamenti imfissrin fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 42a (Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim

", kif emendata b':

– **32001 L 0013**: Id-Direttiva 2001/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' February 2001 (ĠU L 75, tal-15.3.2001, p. 26)."

([1]) ĠU L 251, ta' l-20.9.2001, p. 19.
([2]) ĠU L 75, tal-15.3.2001, p. 1.
([3]) ĠU L 75, tal-15.3.2001, p. 26.
([4]) ĠU L 75, tal-15.3.2001, p. 29.

Artikolu 3

Il-punt li ġej għandu jkun miżjud wara l-punt 41a (Direttiva tal-Kunsill 95/19/KE) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"41b. **32001 L 0014**: Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità infrastrutturali ferrovjarja u dwar l-impostazzjoni ta' piżijiet għall-użu ta' l-infrastruttura ferrovjarja u għaċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU L 75, tal-15.3.2001, p. 29)."

Artikolu 4

It-testi tad-Direttivi 2001/12/KE, 2001/13/KE u 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fl-ilsien Islandiż u fl-ilsien Norveġiż, li għad irid jiġu ippubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2001 jekk ikunu saru n-notifiki kollha mitluba mill-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima dwar iż-ŻEE u fis-Suppliment dwar iż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Settembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġiet kostituzzjonali.

L-ANNESS

tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 118/2001

(a) Il-lista li ġejja ta' portijiet Norveġiżi għandha tiżdied mal-lista ta' portijiet fl-Anness I tad-Direttiva:

"IN-NORVEĠJA

Narvik
Bodø
Mosjøen
Namsos
Trondheim
Åndalsnes
Bergen
Stavanger
Kristiansand
Brevik
Larvik
Horten
Drammen
Oslo
Moss"

(b) Il-mappa li ġejja, li turi l-linji tal-ferroviji Norveġiżi, għandha tiżdied mal-mapep fl-Anness I tad-Direttiva:

"[ĠU L 298, tat-30.10.2002, p. 39]"